Minuti tal-laqgħa numru disgħa u sittin (69) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li saret nhar it-Tlieta, 1 ta' Novembru 2016 fis-6.00pm fl-Uffiċċju tas-Sindku fil-Muniċipju tal-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Nikolai Farrugia | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv |

69.1 Is-Sindku ippresediet il-laqgħa u qalet it-talba.

69.2 Il-minuti tas-seduti numri sebgħa u sittin u tmienja w sittin kienu meħuda bħala moqrija peress li kienu pprovduti mal-agenda.

69.3 Anita Farrugia pproponiet korrezzjoni għal punt 21 tal-minuti tas-seduta numru sebgħa u sittin (67) tal-4 t'Ottubru. Charlene Zammit issekondat u l-emenda għaddiet b'mod unanimu:
Il-paragrafu jibda bl-aħħar tliet sentenzi "*Anita Farrugia qalet .....sa ħidma utli matul is-sena*".
Jiddaħħal it-test: "*Dwar dan kien hemm qbil u Charlene Zammit qalet*" minflok il-kelmiet "*Charlene Zammit qalet*" tal-ewwel sentenza li tkompli "*illi peress.....sa fin-notice boards u l-ħwienet*". Jiddaħħal it-test "*li jkun miftuħ għal kulħadd*" wara l-kelma "*ħwienet*" u tkompli s-sentenza "*sabiex dawn jingħatalhom.....sa Ġieħ l-Imqabba*." L-emendi għaddew unanimament.

69.4 F'dan il-punt kien hemm diskussjoni dwar iż-żgħażagħ li telgħu il-Polonja li ma ingħatalhomx rikonoxximent fis-serata u inqraw skambju ta' sms's u *e-mails* mill-proponent u s-sekondant.

69.5 Il-minuti tas-seduti numru sebgħa u sittin u tmienja w sittin proposti minn Grace Marie Mallia u sekondati minn Paul Spiteri kienu approvati b'mod unanimu.

69.6 **Komunikazzjoni mis-Sindku:**

69.6.1 Laqgħa mal-'Advisor' ta' Transport Malta, is-Sur Michael Cohen u s-Sur Silvio Scerri:

69.6.2 Sigurta' fit-Toroq - Pellican Lights flok *Zebra Crossing* fil-*By-Pass*

69.6.3 Biex jitpoġġa ir-ritratt ta' Anita Farrugia fis-sit elettroniku tal-KLM

69.6.4 Evalwazzjoni tal-Afternoon Tea (ringrazzjamenti għal min ta sehemu)

69.6.5 Tħejjijiet għall-*Buffet Breakfast* tas-16 ta' Novembru

69.6.6 Ġrieden fi plot jaqsmu għal Triq Karmenu Ciantar

69.6.7 Bring in site: tindif (ritratti fil-fuljett tal-KLM) u moniteraġġ bis-cctv

69.6.8 Proposti (bus shelter ieħor) għar-rotta tat-trasport pubbliku bin-numru 72 biex tilħaq lill-ST Microelectronics u/jew il-Polyclinic ta' Ħal Kirkop.

69.6.9 Il-parteċipazzjoni tal-LESA u l-Greenpak fil-Festa Ravjul.

69.6.10 Is-seduta tal-Arbitraġġ 4.11.16 se tiġi posposta għaliex l-Onor Bezzina ma jistax jattendi

69.6.11 Il-kuntratt tal-knis tat-toroq li se joħroġ għall-offerta (draft mogħti lil kunsillieri)

69.6.12 It-tfieħ ta' annimali mejtin minn ġranet qabel ma jgħaddi l-kollettur tal-iskart u l-ħruġ ta' boroż suwed meta jinġabar dak separat

69.6.13 Il-bank tal-bus shelter fil-Pjazza (li għalqu l-ilment tiegħu Servizz.Gov) u għadu mhux solvut (każ CAS27540 M6Z4TO)

69.6.14 Il-laqgħa proposta dwar it-traffiku fil-festi li għadha ma mmaterjalizzatx

69.6.15 It-talba tal-approvazzjoni tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv lid-Dipart. Gvern Lokali

69.6.16 Is-Sindku pproponiet:
69.6.16.1 Party għat-tfal mingħajr ħlas fis-17 ta’ Diċembru fl-10.00am taħt is-sala tal-iskola (ġugarelli u animazzjoni)
69.6.16.2 Rock Mass u Christmas Vallage f’Misraħ il-Fidwa fit-18 ta’ Diċembru fl-10.00am (palk, stalls, mince pies, qagħaq tal-għasel u kafe’)
69.6.16.3 Il-ħarġa tal-fuljett li jmiss u l-artiklu tal-kunsillieri (sal-4.12.2016)
69.6.16.4 Il-dekorazzjonijiet tal-Milied fit-toroq mil-ħaddiema tal-RSS
69.6.16.5 Il-party tal-għaqdiet (Sptar il-Qadim) li se jkun antiċipat b’quddiesa nhar it-8 ta’ Jannar 2017
69.6.16.6 Il-laqgħa li jmiss tal-KLM nhar it-28.11.2016 fis 6.00pm

69.7 **Punti mill-Minuti**
69.7.1 Il-*misunderstanding* dwar l-avviż fil-ħwienet tal-gradwati (biex jinkorpora firxa wiesgħa ta’ persuni)
69.7.2 L-isem propost u t-talba tagħna għal Misraħ San Nikola
69.7.3 Il-kuntatt ma Garby & Tidy biex jitnaddaw Sqaq is-Serer

69.9 Michel Farrugia teleq mil-kamra fis-7.30pm

**69.10 AGENDA**
Ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena kif mgħoddi lilna mill-Accountant, propost mis-Sindku u sekondat mill-Viċi Sindku, kien approvat unanimament, suġġett għal klarifiċi fuq diversi figuri li l-kunsillieri talbu dwarhom.

TO DELETE
retained funds ta' 402165 euros nistaqsu
deferred income grant 549444
committments approved by ministry 610493
proposta li jigi l-accountant meta jkun hemm il-prezentazzjoni ta' dan ir-rapport
nominal ledger – tal-uniforms
office utilities 2150 – 2199
professional services – administration 1350
community and hospitality -
interest on bank loan
other interest 4978

69.11 **Attivitajiet ta’ Jum l-Imqabba – evalwazzjoni**
Kien hemm diskussjoni dwar
69.11.1 Programm Mużikali
69.11.1.1 il-programm mużikali li għalih attenda wkoll l-Onor Owen Bonnici, il-Ministru tal-Ġustizzja, l-Kultura u l-Gvern Lokali.
69.11.1.2 is-silta miktuba mis-Surmast Andrew Calleja dedikata lis-Sindku (l-ewwel sindku mara)
69.11.1.3 l-involviment tat-tfal fil-kor u l-preżentazzjoni tal-programm
69.11.1.4 l-għoti tal-unur Ġieħ l-Imqabba
69.11.1.5 ir-reklamar tal-attivita’ mil-każini (il-kunsill ma jidhirx lanqas għar-riżervazzjonijiet)
69.11.1.6 l-attendenza numeruża

69.11.2 il-Quddiesa ta’ Radd il-Ħajr u Festa Ravjul
69.11.2.1 is-sehem tal-Kappillan u l-kor tal-parroċċa
69.11.2.2 in-nuqqas ta’ attendenza tal-kunsillieri (Anita Farrugia ħassitha urtata minħabba 69.3

u 69.4)

69.11.2.3 diskussjoni dwar għandux jibqa’ jsir il-marċ miż-żewġ każini tal-banda

69.11.2.4 ix-xita tar-ravjul li ġibed in-nies

69.11.2.5 il-komiċita’ mil-preżentatur fl-attivita’

69.11.2.6 il-possibilita’ li jsir ġemellaġġ bir-ravjul ikun il-fattur komuni

69.11.2.7 il-proposta Festa Nar hija aktar sinonima mal-Imqabba iżda hemm diffikultajiet finanzjarji biex tiġi mtella’

69.12 Paul Spiteri ħareġ mil-kamra fit-8.10pm.

69.13 Dwar il-proposta one way ta' Triq il-Friefet, (li għadha kemm tiġi asfaltata) peress li Transport Malta jixtiequ konsultazzjoni, il-KLM bagħat jistaqsi lil ftit residenti li hemm jekk jixtiquhiex jew le. Intant daħlu l-ilmenti minn residenti ta’ Triq il-Katakombi minħabba l-ilma li ġej minn Triq il-Friefet.

69.14 Is-SE ġab għall-attenzjoni ta’ dawk preżenti iċ-Ċirkulari tad-Dipartiment Gvern Lokali bin-numru 30 (lmenti) u 32/2016 (petty cash)

69.15 Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru ??? bl-emendi li jidhru inizjalati mis-SE fuq il-kopja oriġinali u b’żieda ta’ pagament lil Ms Remenda Borg Grech. Il-KLM se jiffissa laqgħa ma’ 2Minds Events biex ifehmu dwar it-tnaqqis mil-ħlasijiet mitluba.

69.16 **Punti oħra**

69.16.1 Il-Perit Matthew Briffa ta’ TM ma jistax’ jagħti l-kelma li kemm-il darba ssir Triq George Martin ħadd m’hu se jimtlielu l-basement bl-ilma tax-xita. Chalene Zammit insistiet illi l-KLM jikteb lill-perit sabiex jigi on site biex jagħmel laqgħa mar-residenti u jinforma lin-nies x'qed isir. L-istess ittra għandha tiġi kkupjata lir-residenti ta’ Triq George Martin u ta’ Triq Ġanni Darmanin.

69.16.2 Inqata’ d-dwal tat-triq ta’ Triq il-Fjuri u l-isqaqien

69.16.3 Sprall tal-ilma tax-xita jinten fil-Pjazza tal-Knisja

69.16.4 Toqob tan-nar tal-festa fi Triq il-Madonna tal-Ġilju perikolużi

69.16.5 Arblu dekorattiv b’lampa (in-naħa tal-lemin) maqtuha quddiem is-sala tal-iskola

69.16.6 Il-mera quddiem garage bil-bieb aħdar fi Triq it-Torri

69.16.7 Il-bandiera li waqgħet minn fuq l-entratura ta’ Ġnien Onġi Onġella

69.16.8 L-enumerar ta’ dar li qed tinbena fi Triq Karmenu Ciantar bil-bieb fuq in-naħa ta’ Triq il-Qattara

**Aġġornament**

69.17 Il-laqgħa ntemmet fid-9.00pm.

Magħmula minn Anthony Bonello (SE) u approvati llum 28.11.16 minn Dr Charlene Zammit (Sindku)